MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1545/2004

**S.Mifsud & Sons Limited (C341)**

**vs**

**H.P.Cole Limited (C20)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Awissu, 2004 fejn intalab il-hlas ta' hames mija u tlieta u tletin lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm533.36) somma dovuta lis-socjeta` attrici in konnessjoni ma garr ta' merkanzija, liema garr sar mis-socjeta` attrici fuq ordni tal-konvenuti stess;**
**Illi l-minkejja illi s-socjeta` konvenuta giet interpellata sabiex thallas hija baqghet inadempjenti;**
**Bl-imghax mill-5 ta' April, 2004 u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta, ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fid-29 ta' Settembru, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas m deher rapprezentant taghha, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu meqjusa bhala pruvati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u tlieta u tletin lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm533.36) bl-imghax legali mil-5 ta' April, 2004.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------